

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6421 – Daimler/Europcar/ċar2ġo Europe JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 357/05)

1. Fil-25 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-imprezza Europcar Groupe SA ("Europcar", Franza), proprjetà ta' Eurazeo SA, (Franza) u ċar2ġo GmbH ("ċar2ġo", il-Ġermanja), sussidjarja ta' Daimler AG ("Daimler", il-Ġermanja), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' ċar2ġo Europe GmbH ("ċar2ġo Europe", il-Ġermanja), permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi imprezza konġunta.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-imprezzi kkonċernati huma:
 - għal Europcar: servizzi ta' kiri tal-karozzi fi stati membri differenti taż-ŻEE, kif ukoll madwar id-dinja. Europcar tappartjeni lil Eurazeo, kumpanija ta' investiment elenkata Franċiża li tinvesti f'kumpaniji attivi f'diversi setturi bħal ma huma lukandi, servizzi ta' kiri ta' tessuti jew inkella l-proprjetà immobbli,
 - għal ċar2ġo: stabbilita biex twettaq proġett pilota fis-suq tal-kiri tal-karozzi għal żmien qasir u biex wara dan tkun responsabbli biex tibda n-negozju f'dan il-qasam madwar id-dinja għal Daimler. Daimler tipproduċi vetturi tat-triq u vetturi kummerċjali madwar id-dinja,
 - għal ċar2ġo Europe: servizzi għal żmien qasir ta' kiri tal-karozzi f'diversi bliet u żoni metropolitani fi ħdan iż-ŻEE.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6421 – Daimler/Europcar/ċar2ġo Europe JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
